

- ksur tal-Artikolu 78(1)(f) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - ksur tal-eċċeżżjoni ta' abbuż ta' dritt flimkien mal-Artikoli 56(1)(b) u 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - ksur tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2014 – Compagnie des fromages & Richesmonts vs UASI Grupo Lactalis Iberia (Rappreżentazzjoni ta' skakkiera ħamra u bajda)

(Kawża T-327/14)

(2014/C 235/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Compagnie des fromages & Richesmonts (Puteaux, Franza) (rappreżentanti: T. Mollet-Vieville u T. Cuche, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Grupo Lactalis Iberia, SA (Madrid, Spanja)

Talbiet

- tikkonstata li t-trade mark Komunitarja Nru 6 059 687 hija valida sabiex tkopri l-ġobon;
- konsegwentement, tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-3 ta' Marzu 2014, sa fejn tiddikjara invalida t-trade mark Komunitarja Nru 6 059 687;
- sussidjarjament, tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-3 ta' Marzu 2014, sa fejn tiddikjara invalida t-trade mark Komunitarja Nru 6 059 687 sabiex tkopri l-ġobon;
- tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: trade mark figurattiva li tirrappreżenta skakkiera ħamra u bajda, għal prodotti u servizzi fil-klassi 29 – Trade mark Komunitarja Nru 6 059 687

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Grupo Lactalis Iberia, SA

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: motivi assoluti previsti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, flimkien mal-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament Nru 207/2009

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkonċernata

Motivi invokati: il-Bord tal-Appell wettaq żbalji ta' fatt u ta' liġi (ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009; ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2014 – Helbrecht vs UASI – Lenci Calzature(SportEyes)

(Kawża T-333/14)

(2014/C 235/39)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Andreas Helbrecht (Hilden, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. König, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Lenci Calzature SpA (Turchetto-Montecarlo, l-Italja)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Frar 2014 fil-Każ R 830/2013-5;
- tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u lil Lenci Calzatura SpA, fkaż li hija tintervjeni f'dawn il-proċeduri, għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrent

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "SportEyes" għal prodotti fil-klassi 25 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 504 525

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Lenci Calzature SpA

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-elementi verbali "EYE SPORT EYE", "EYE fashion EYE" u "EYE", għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2014 – Lidl Stiftung vs UASI (Deluxe)

(Kawża T-344/14)

(2014/C 235/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kefferpütz u A. Wrage, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)